b) Fuq il-bażi ta' liema kriterju jew ta' liema fattur, il-qorti nazzjonali għandha, fl-evalwazzjoni tal-ġurisdizzjoni tagħha skont l-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 44/2001, tiddetermina l-post fejn seħħ jew għandu jitqies li seħħ f'dan il-każ id-dannu patrimonjali, kemm dirett kif ukoll indirett?

3) Fil-każ li r-risposta għall-ewwel domanda tkun fl-affermattiv, ir-Regolament Nru 44/2001 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-qorti nazzjonali, li għandha tiddetermina jekk għandhiex ġurisdizzjoni f'dan il-każ fis-sens ta' dan ir-regolament, għandha tibbaża ruħha, fl-evalwazzjoni tagħha, fuq l-argumenti rilevanti tar-rikorrent jew tal-applikant, jew għandha tieħu inkunsiderazzjoni wkoll il-provi li l-konvenut ipproduċa sabiex jikkontesta dawn l-argumenti?

---

(1) Regolament tal-Kunsill Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42).

---

**Appell ippreżentat fit-22 ta' Jannar 2015 mir-Renju ta' Spanja mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fit-13 ta' Novembru 2014 fil-Kawża T-481/11, Spanja vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-26/15 P)**

(2015/C 089/14)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Appellant:* Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentant: A. Rubio González, aġent)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tal-appellant**

— tilqa' dan l-appell u tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Novembru 2014, fil-Kawża T-481/11, Spanja vs Il-Kummissjoni;

— tannulla l-ħames inċiż tal-punt VI D tal-parti 2 tal-Anness I, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 (1), tas-7 ta' Ġunju 2011, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 għas-setturi tal-frott u l-ħaxix u tal-frott u l-ħaxix ipproċessat;

— li l-intimata tiġi kkundannata għall-ispejjeż.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Żball ta' liġi fir-rigward tal-portata tal-obbligu ta' motivazzjoni. L-argumenti li fuqhom ibbażat ruħha l-Qorti Ġenerali ma humiex kompatibbli mal-ħtieġa ta' ċarezza u ta' nuqqas ta' ambigwità li għandu jkollha l-motivazzjoni ta' regolament sabiex tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 296 TFUE. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali mliet lakuni fil-motivazzjoni tar-regolament ikkontestat u ssotitwixxiet l-motivazzjoni tal-att ikkontestat b'dik tagħha stess.

Żball ta' liġi fir-rigward tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament. L-argumenti magħmula mill-Qorti Ġenerali fuq din il-kwistjoni ma humiex ibbażati fuq kriterji xierqa sabiex isir paragun. Il-Qorti Ġenerali bbażat ir-raġunament tagħha fuq fatt allegatament magħruf, li ma għandu l-ebda bażi fattwali u xjentifika, bħad-distinzjoni bejn il-frott tal-ġilda ħoxna u dak tal-ġilda rqiqa u l-inklużjoni tal-frott taċ-ċitru fl-ewwel kategorija.

Żball ta' liġi fir-rigward tal-istħarriġ ġudizzjarju tal-prinċipju ta' proporzjonalità. L-istħarriġ tal-Qorti Ġenerali li jikkonċerna l-proporzjonalità ta' restrizzjoni fuq il-kummerċ ta' oġġetti imposta minn istituzzjoni għandu jsir fid-dawl tad-diskrezzjoni wiesgħa tal-Kummissjoni. Madankollu, il-Qorti Ġenerali ma eżerċitatx l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha skont il-ġurisprudenza Tetra Laval ([2]). Minn naħa, ma stħarrġitx adegwatament ir-rilevanza u l-adegwatezza tal-provi li fuqhom hija bbażata d-deċiżjoni meħuda dwar il-motivi li jiġġustifikaw raġunijiet għar-restrizzjoni. Min-naħa l-oħra, ma eżaminatx korrettement il-konklużjonijiet li jinsiltu minn tali data, b'tali mod li r-restrizzjoni tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jitlaħaq l-għan segwit.

([1]) ĠU L 157, p. 1.
([2]) Sentenza tal-15 ta' April 2005, Il-Kummissjoni vs Tetra Laval, (C-12/03 P, EU:C:2005:87), punt 39.

---

**Appell ippreżentat fis-27 ta' Jannar 2015 minn Photo USA Electronic Graphic, Inc. mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) fit-18 ta' Novembru 2014 fil-Kawża T-394/13, Photo USA Electronic Graphic, Inc. vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

**(Kawża C-31/15 P)**

(2015/C 089/15)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

## Partijiet

*Appellanti:* Photo USA Electronic Graphic, Inc. (rappreżentant: K. Adamantopoulos, avukat)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Il-Kummissjoni Ewropea, Ancàp SpA, Cerame-Unie AISBL, Confindustria Ceramica, Verband der Keramischen Industrie eV

## Talbiet tal-appellant

— li l-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, tat-18 ta' Novembru 2014, fil-kawża T-394/13 Photo USA Electronic Graphic, Inc. vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, li biha l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors għall-annullament tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (EU) Nru 412/2013, tat-13 ta' Mejju 2013, li bih imponiet dritt definittiv antidumping u ordnat il-ġbir definittiv ta' dazju provvizorju impost fuq importazzjonijiet ta' reċipjenti u oġġetti tat-tisjir taċ-ċeramika li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ([1]);

— tlesti l-analiżi u tannulla r-Regolament (KE) Nru 412/2013; u

— tordna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jbati l-ispejjeż tal-appellanti f'dan l-appell kif ukoll l-ispejjeż sostnuti fil-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-394/13

## Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellanti tissottometti li l-konklużjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar l-ewwel, it-tielet u r-raba' motivi tal-appellanti quddiem il-Qorti Ġenerali huma vvizzjati b'diversi żbalji ta' liġi kif ukoll żnaturazzjoni tal-provi prodotti. Għaldaqstant l-appellanti qed tissottometti li s-sentenza appellata għandha tiġi annullata. Barra minn hekk, l-appellanti tjssottometti li l-fatti li jifformaw il-bażi tal-ewwel, tat-tieni u tat-tielet motivi huma pprovati biżżejjed sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' tiddeċiedi fuq l-istess motivi.

Fir-rigward tal-ewwel motiv, l-appellanti ssostni żewġ aggravji. L-ewwel nett, fil-qosor, billi l-Qorti Ġenerali imponiet l-oneru tal-prova fuq l-appellanti sabiex turi li l-istituzzjonijiet wettqu żball fl-evalwazzjoni ta' liema fatturi kienu l-iktar rilevanti għall-każ, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi. Kif stabbilit fil-ġurisprudenza preċedenti tal-Qorti Ġenerali, huwa biżżejjed li l-appellanti turi jew li (1) l-istituzzjonijiet żbaljaw fl-evalwazzjoni tagħhom tal-fatturi rilevanti għall-każ jew li (2) l-applikazzjoni ta' fatturi oħra iktar rilevanti għamlet l-esklużjoni tagħhom neċessarja. F'dan il-kuntest, id-determinazzjoni tal-fatt li l-istituzzjonijiet wettqu żball ta' evalwazzjoni f'żewġ fatturi mit-tlieta li l-istituzzjonijiet qiesu li kienu relevanti huwa biżżejjed sabiex teżonera lill-appellanti mill-oneru tal-prova. Barra minn hekk, biex waslet għall-konkluzjonijiet tagħha, is-sentenza appellata żnaturat il-provi u l-fatti quddiem il-Qorti Ġenerali.